# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 29/2020**

Data: L-Erbgħa 20 ta' Jannar, 2021

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

Preżenti:

Sur Pierre Dalli – Sindku
Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku
Sur Charles Bonello - Kunsillier
Sur Ray Deguara - Kunsillier
Sin Toshera Schembri - Kunsilliera
Dr. Ryan Ellul – Kunsillier
Sur Mario Fava – Kunsillier
Sur Adrian Tanti - Kunsillier
Sur Mark Lombardo – Kunsillier

Sin Cynthia Plumpton –Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

**29.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**29.2 MINUTI**

**29.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**29.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**29.5 ĦLASIJIET**

**29.6 FINANZI**

**29.7 LAQGĦA TAL-LOKALITA`**

**29.8 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

**29.9 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**29.10 KORRISPONDENZA**

**29.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**29.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**29.13 TRAFFIC MANAGEMENT**

**29.14 STAFF**

**29.15 MOZZJONIJIET**

**29.16 PLANNING AUTHORITY**

**29.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**29.18 MISTOQSIJIET**

**29.19 AĠĠORNAMENT**

---

Is-Sindku beda billi awgura s-sena t-tajba mimlija ħidma lill-membri kollha tal-Kunsill peress li din kienet l-ewwel laqgħa li ssejħet fis-sena 2021.

## 29.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**29.1.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.2 MINUTI

**28.2.1** Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li f'paġna 2 tal-Minuti 28/2020 bid-data 16 ta' Diċembru, 2020 hemm korrezzjoni fejn f'punt 28.2.1 għandu jiżdied il-kliem "kif emendati". Ma kienx hemm oġġezzjoni. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5713/21/8 "Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 28/2020 bid-data ta' 16 ta' Diċembru". Approvazzjoni tal-Minuti

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur: Sindku, Viċi Sindku, R Deguara, T Schembri, A Tanti, M Lombardo.

Astenzjoni: C Bonello.

Kontra: Ħadd

Il-mozzjoni ref: 5713/21/8 għaddiet b'sitt voti favur, bl-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 29.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**29.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**29.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5714/21/8 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM January 2021 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Approvazzjoni tal-PRFPO January '21

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 29.5 ĦLASIJIET

**29.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5715/21/8 "Sabiex il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Fgura Youth Centre itellgħu attivita sportiva u edukattiva fosthom tournament tal-billiard li d-dħul kollu minnu jmur għad-Dar tal-Providenza għal spiża ta' mhux iktar minn Ewro 350". Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti.

Approvazzjoni tal-ħlasijiet

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5716/21/8 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 13/01/2021 sa 20/01/2021". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. (Ara DOK 'B' anness).

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.5.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5717/21/8 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 10/12/2020 sa 13/01/2021". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. (Ara DOK 'C' anness).

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns M Fava daħal fil-kamra 18:07hrs.

**29.5.4** Saret diskussjoni fuq il-pagament tal-Perit James Mifud li kien għad fadallu xi ħlasijiet pendenti meta kien iservi bħalha Perit għall-Kunsill. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5718/21/8 "Sabiex dan il-Kunsill iħallas lill-Perit James Mifsud s-somma ta' Euro 10,978.25 bħala pagamenti dovuti lilu meta kien iservi mal-Kunsill Lokali Fgura bħala Perit skont parir legali li għandu Kunsill Lokali u l-Perit James Mifsud jiffirma in full financial settlement payment". Il-Kuns R Ellul ser jieħu ħsieb jipprepara d-dokument relatat sabiex dan jiġi ffirmat hekk kif jitħallas u ma jkunx hemm pretenzjonijiet iktar min naħa tal-Perit. Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.5.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5719/21/8 "Sabiex tiġi mġedda l-personal accident policy għall-perjodu ta' 29/01/2021 sa 28/01/2022 għas-somma ta' Ewro 700". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.5.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5720/21/8 "Sabiex tiġi mġedda l-polza tal-assikurazzjoni tal-flus għall-perjodu ta' 29/01/2021 sa 28/01/2022 għas-somma ta' Ewro 65". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 29.6 FINANZI

**29.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.7 LAQGĦA TAL-LOKALITA`

**29.7.1** Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li għadhom ma batux ir-rapport ta' ħidma tagħhom sabiex jibgħatuh mill-aktar fis peress li s-sena 2020 issa għalqet u li huma fid-dmir li jibgħatuh.

## 29.8 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**29.8.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Fava sabiex jitkellem dwar Ċirkulari Numru SPI.SCI.2.2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-ħsieb huwa sabiex il-bandli jiġi mmodernizzat għaż-żminijiet tal-llum. Il-Kuns M Lombardo qal forsi jsiru xi tined jew xi gazebo peress li m'hemmx post adekwat fejn wieħed jista jaqra. Il-Kuns C Bonello semma l-Adventure Park forsi dan il-proġett isir b'dawn il-fondi wkoll. Il-Kuns M Lombardo fakkar li mhuwix sewwa li b'dawn il-fondi jsir l-Adventure Park peress li dik kienet wegħda tal-Gvern. Il-Kuns M Fava offra li jgħin fil-mili ta' din l-applikazzjoni u s-Sindku nforma li sal-laqgħa li ġejja jkollna stampa aħjar ta' din l-applikazzjoni peress li tista ssir x-xibka tal-madwar tal-basketball pitch flimkien mal-cameras u anki ssir il-bandla tal-persuni b'diżabilita'.

**29.8.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5721/21/8 "Sabiex jiġi mġedded l-agreement tal-Wasteserv għas-sena 2021". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.8.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5722/21/8 "Biex dan il-Kunsill iġedded il-kuntratt għal sena bl-approvazzjoni għal direzzjoni mill-Gvern Lokali sakemm l-istess kuntratt jippermetti". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.8.4** Saret diskussjoni dwar Ċirkulari Numru SPI/SCI/1/2021 fejn dan il-Kunsill ilu japplika għal erba' snin bla suċċess. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5723/21/8 "Sabiex dan il-Kunsill Lokali jerġa japplika għall-iskema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021 billi jipproponi r-restawr tal-faċċata tal-knisja l-qadima tal-Fgura. Il-Kunsill jaqbel li din il-proposta ċioe r-restawr tal-faċċata tal-knisja l'qadima tkun ippreżentata għall-aħħar darba peress li ġa ġiet ppreżentata bla suċċess għal 4 darbiet oħra". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 29.9 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**29.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.10 KORRISPONDENZA

**29.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**29.11.1** Is-Sindku nforma li nhar it-Tnejn 25 ta' Jannar 2021 filgħodu ser issir il-laqgħa tal-Kabinet – 'Gvern għan-Nies'. Il-Kuns M Lombardo staqsa humix mistiedna bħalha Kunsilliera. Is-Sindku nforma li l-invit kien indirizzat lis-Sindku u li l-membri tal-Kunsill kollha jistgħu ikunu preżenti qabel jibda l-Kabinet. Is-Sindku nforma li ser ikun qed iressaq it-talbiet tal-Kunsill dwar Wied Blandun, Adventure Park u l-akwati. Il-Kuns M Lombardo talbu jinfurmah ukoll dwar it-telfa tar-razzett ta' Triq Hompesch. Is-Sindku ġie mistoqsi mill-Kuns C Bonello jekk hix ser issir żjara mill-Prim Ministru fil-premises tal-Kunsill. Is-Sindku nforma li ser ikun qed jiċċekja dwar dan peress li saret din it-talba u għadhom qed jaraw dwarha. Is-Sindku staqsa lill-kamra jekk għandnix inżommu flus sabiex tintuża s-sala. Saret diskussjoni u l-Kuns C Bonello nforma li huwa unur għall-Kunsill li ser ikollna laqgħa tal-Kabinet fil-lokal tagħna u ssuġerixxa li l-Kunsill m'għandux iżomm ħlas għall-użu tas-sala. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5724/21/8 "Dan il-Kunsill għandu jixtri plakka biex tingħata bħala tifkira lill-Prim Ministru wara li ġejjin jagħmlu laqgħa tal-Kabinet ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Fgura. Dan għal spiża ta' mhux aktar minn €150". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns R Ellul ħareġ mill-kamra 18:40hrs.

**29.11.2** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Fava sabiex jitkellem dwar email riċevuta mingħand GreenMt dwar il-Long Term Waste Management Plan 2021-2030. Il-Kuns M Fava spjega kif bħalha Assoċjazzjoni bgħatet dan id-dokument lill-Kunsilli Lokali kollha u anki ġie spjegat id-dokument li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tippreżenta f'isem il-Kunsilli Lokali. Saret diskussjoni dwar dan.

**29.11.3** Is-Sindku nforma li l-kuntratt tal-iskart ser jiskadi f'Lulju, 2021. Il-Kuns M Fava nforma li xi sentejn ilu ħarġet ċirkulari sabiex il-Kunsilli jagħmlu estensjoni ta' dan il-kuntratt. Informa li kopja ta tali direzzjoni tista tintalab lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**29.11.4** Is-Sindku stieden lill-Viċi Sindku sabiex jitkellem dwar il-materja tal-iskart. Il-Viċi Sindku nforma li l-kuntrattur qed jieħu xi flus lill-ħwienet. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Viċi Sindku javviċina lil sid il-ħanut u jibgħatu l-Kunsill jagħmel l-ilment fuq dan ir-rigward sabiex wara tkun tista tinfetaħ korrispondenza mal-kuntrattur. Is-Sindku nforma illi dan l-aġir mhux suppost qed isir u l-Viċi Sindku nfurmah illi anki ħabba t-tipping fees li l-Kunsill qed iħallas għal dan il-ġbir mhuwix xieraq.

**29.11.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5725/21/8 "Sabiex issir bozza ġdida fi Triq San Pietru fejn il-Creme Caramel u terġa titwaħħal fejn kienet qabel ma nbena il-plot il-ġdid". Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.11.6** Is-Sindku nforma lill-kamra li saret laqgħa mas-Sur Ronald Balzan u s-Sur Louis Cutajar min naħa tal-Parroċċa dwar il-proġett tat-360 virtual tour fil-knisja. Il-Kuns C Bonello nforma li huwa tajjeb li tingħata mportanza lill-inġinerija li biha hija mibnija l-knisja.

**29.11.7** Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma rappreżentanti minn Parks Malta fejn saru diskussjonijiet dwar l-Adventure Park u l-akwati.

## 29.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**29.12.1** Saret diskussjoni dwar il-proġett ta' Slow Streets sabiex jitqabbad is-Sur Saviour Camilleri bħalha l-persuna responsabbli mill-proġett ta' Slow Streets. Il-Kuns C Bonello staqsa jekk dan is-servizz hux ser jingħata bi ħlas fejn is-Sindku nfurmah illi dan għad irid jiġi diskuss. Il-Kuns M Lombardo ssuġerixxa li s-Sur Steve Compagno jkun parti minn dan is-sotto kumita għal dan il-proġett. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5726/21/8 "Dan il-Kunsill għandu jitkellem mas-Sur Saviour Camilleri biex ikun responsabbli mill-proġett ta' Slow Streets. Għaldaqstant għandu

jsejjaħ laqgħa mas-Sur Saviour Camilleri biex naraw il-konklużjonijiet kollha inkluż il-pakkett finanzjarju. Is-sotto kumitat għandu jkun Pierre Dalli, Clayton Portelli Cascun, Charles Bonello, Fava Mario u Ellul Ryan". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 29.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**29.13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5727/21/8 "Sabiex issir sleeping police fi Triq Kampanella kantuniera ma Triq is-Sur u jekk hemm aċċess u xi ħaġa oħra għanda titwaħħal mera fi Triq is-Sur faċċata ta' Triq Kampanella". Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.13.2** Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 5728/21/8 "Sabiex isiru double yellow lines (1 meter) fuq iż-żewġ naħat tal-garage bin-numru 24. St Michael street, Fgura". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.13.3** Is-Sindku addotta mozzjoni tal-Kuns R Ellul u ressaq mozzjoni ref: 5729/21/8 "Sabiex il-Kunsill Lokali jibda l-proċess biex jiżdiedu l-parkeġġi fi Triq il-Ġojjin kantuniera ma Triq il-Pitirross skont il-pjanta annessa". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.13.4** Is-Sindku addotta mozzjoni tal-Kuns R Ellul u ressaq mozzjoni ref: 5730/21/8 "Sabiex issir sleeping police fi Triq San Tumas kantuniera ma Triq Kent". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.13.5** Il-Kuns M Lombardo ġibed l-attenzjoni li t-tabelli taz-zebra crossing li tinsab fi Triq San Tumas qegħdin ħażin peress li dawn suppost jiġu qabel iz-zebra crossing. Is-Sindku nfurmah li ser jiġi kkuntattjat mill-Kunsill dwar dan l-ilment.

**29.13.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5731/21/8 "Sabiex dan il-Kunsill jestendi l-isleeping police minn bankina sa bankina fi Triq San Mikiel skont kif inhu anness f'dan ir-ritratt". Il-Viċi Sindku addotta u s-sekonda l-mozzjoni sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.13.7** Is-Sindku addotta mozzjoni tal-Kuns R Ellul u ressaq mozzjoni ref: 5732/21/8 "Sabiex il-Kunsill Lokali jagħmel 'u bar' / bollards fi Triq il-21 ta' Jannar 1965 kantuniera ma 14 ta' Diċembru 1945". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.13.8** Saret diskussjoni dwar ħsara fuq vettura. Għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandna jkollna bil-miktub minn Transport Malta jekk din it-triq hix arterjali jew distributorja sabiex wara tkun tista ssir mozzjoni dwar dan.

**29.13.9** Saret diskussjoni dwar oneways fi Triq Ġorġ Stevens u Triq Karmelitani. Ġie deċiż li din il-materja tkun diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**29.13.10** Saret diskussjoni fuq Triq il-Koppla sabiex issir 'one-way'. Is-Sindku addotta mozzjoni tal-Kuns R Ellul u ressaq mozzjoni ref: 5733/21/8 "Sabiex dan il-Kunsill jimxi mal-proposta tas-Sur Andrew Haig u Triq il-Koppla ssir 'one way' direzzjoni lejn Raħal Ġdid". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur: Sindku, R Deguara, T Schembri, M Fava, A Tanti, M Lombardo.

Astenzjoni: Viċi Sindku.

Kontra: C Bonello.

Il-mozzjoni ref: 5733/21/8 għaddiet b'sitt voti favur, b'vot kontra u astenzjoni waħda.

## 29.14 STAFF

**29.14.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5734/21/8 "Sabiex dan il-Kunsill jimpjega lill-impjegat immarkat fid-dokument fl-hemża numru 5 sabiex jibda jaħdem bħala skrivan skala 15 full time mal-Kunsill Lokali Fgura". Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello u l-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.14.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5735/21/8 "B'referenza għall-mozzjoni ref: 5687/20/8 dan il-Kunsill jagħti performance bonus ta' 10% lis-

Segretarju Eżekuttiv Cynthia Plumpton rigward il-ħidma mwettqa fis-sena kalendarja 2020". Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 29.15 MOZZJONIJIET

**29.15.1** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: 5712/21/8 "Sabiex jitwaħħal arblu u bozza fit-triq il-Misk kantuniera ma' Triq San Ġwann għax hemm id-dlam". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 29.16 PLANNING AUTHORITY

**29.16.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**29.17.1** Il-Viċi Sindku staqsa dwar is-cctv cameras. Huwa ġie nfurmat illi qed jintbgħatu reminders sabiex jiġi ffirmat l-agreement.

**29.17.2** Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 5736/21/8 "Sabiex dan il-Kunsill jagħmel talba lil Dr Etienne Grech li hu Chairman tal-Kunsill Konsultattiv biex jinxtraw erbgħin pot bis-siġar biex jitpoġġew Zabbar Road u Hompesch Road". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.17.3** C Bonello nforma li dwar l-Iskema Kulturali tal-Lesa il-kwotazzjonijiet għan-niċċa tal-Grazzja kif ukoll għall-way marker għalqu fil-bidu tax-xahar u qegħdin għall-aġġudikazzjoni. Fakkar li huwa mportanti li dan il-proċess jingħalaq malajr għaliex inkella ser jintilfu l-Fondi. Dwar in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu, saret laqgħa flimkien mal-Kuntrattur u s-Segretarju Eżekuttiv. Ix-xogħolijiet ser jibdew fil-bidu ta' Marzu u jintemmu sa nofs April. Talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-Perit tal-Kunsill b'din l-informazzjoni sabiex jieħu ħsieb jara l-kundizzjonjiet tal-Planning Authority u jieħu azzjoni neċessarja fejn hemm bżonn.

**29.17.4** C Bonello nforma li dwar l-arblu ta' Triq il-Karmnu ma kienx hemm żviluppi.

**29.17.5** C Bonello nforma li rigward il-Bust ta' Nazzareno Farrugia l-abbozz jinsab l-Italja sabiex jinħadem fil-bronz. Madankollu minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID fl-Italja fejn hemm diversi żoni taħt lockdown, jidher li x-xogħol fil-funderija waqa ftit lura. Madankollu, dwar diskussjoni li kellu mal-Artist Camilleri Cauchi llum stess, infurmah li s'issa m'għandux ikun hemm problema li l-bust jasal u jiġi inawgurat fil-ħin.

**29.17.6** C Bonello nforma li rigward l-Esebizzjoni Tpinġijiet Tfal minkejja li konna tkellimna li t-tpinġijiet tat-tfal dwar il-covid jibqgħu mwaħħlin sal-aħħar ta' Jannar, fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha, ssuġerixxa li dawn il-banners jibqgħu mwaħħlin għal żmien indefinit sakemm is-sitwazzjoni tkun tajba. Ovvjament dan dejjem sakemm il-materjal użat ma jitqattax. Kien hemm qbil dwar dan.

**29.17.7** C Bonello nforma li rigward il-Kompetizzjoni tal-Milied il-premjazzjoni għall-isbaħ faċċata ser issir ser issir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar 2021 fis-7.30pm fil-binja tal-Kunsill Lokali. Ma dawn ser tingħata premjazzjoni lir-rebbieha tal-MGT kif ukoll ser jingħataw tokens lil dawk li ħadu sehem fil-Festa tal-Ilsien Malti. Irrimarka li dawwarna d-data minn nofs Jannar għall-aħħar ta' Jannar sabiex forsi jkunu naqsu l-każijiet tal-Covid li reġgħu żdiedu wara l-Milied. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5737/21/8 "B'referenza għall-mozzjoni 5705/20/8 dwar il-premjazzjoni tal-kompetizzjoni tal-Milied qed jiġi approvat li s-serata ssir fid-29 ta' Jannar 2021 fis-7:30pm". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.17.8** C Bonello ssuġerixxa li l-Kunsill jikkanċella l-attivitajiet tal-Karnival 2021 imma ssir kompetizzjoni għat-tfal għall-isbaħ maskla. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5741/21/8 "Mozzjoni sabiex issir kompetizzjoni għat-tfal għall-isbaħ maskla bħala parti mill-Karnival 2021 u dan bi spiża ta' €1,000". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.17.9** C Bonello ressaq riżoluzzjoni ref: 5739/21/8 "Riżoluzzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jikkanċella mozzjoni 5704/20/8 li kienet marbuta mal-organizazzjoni ta' attivita tal-Karnival fil-lokal. Ser toħroġ stqarrija f'dan is-sens u ssir referenza għall-inizjattiva tal-isbaħ maskla". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.17.10** C Bonello nforma li ser ikunu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet neċessarji sabiex ikun jista jibda x-xogħol fuq ir-restawr tal-Irħam tal-Monument tas-Salib. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5740/21/8 "Mozzjoni sabiex isir ir-restawr tal-irħam tal-Monument tas-Salib fi Triq Hompesch b'nefqa ta' mhux iktar minn €1,000". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.17.11** C Bonello nforma li għadna ma sibnix fanal pulit għan-niċċa li tinsab quddiem statwa fi Triq San Xmun u ser ikun qed jara li dan jinxtara fl-iqsar żmien possibli. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5741/21/8 "Mozzjoni sabiex isir fanal ma niċċa fi Triq San Xmun għal spiża ta' €200". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.17.12** C Bonello nforma li qed jiġi ssuġerit li għal din is-sena wkoll, il-Kunsill Lokali jipproponi għall-aħħar darba sabiex isir ir-restawr fuq il-faċċata tal-knisja l-qadima. Mozzjoni fuq dan ir-rigward diġa għadda taħt item 29.8 Memos u Komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**29.17.13** C Bonello nforma li l-Kunsill irċieva korrispondenza mic-Chairman tal-Ambjent Malta fejn talab li jiddiskuti mal-Kunsilli Lokali l-ħtiġijiet Ambjentali li għandu kull Kunsill inkluż tagħna. Għal din it-talba qed jipproponi sabiex il-Kunsill jirrispondi u jelenka 4 proposti:

A: Ir-riġenerazzjoni ta' Wied Blandun
B: Pjan holistiku għal-green belt tal-Fgura (naħa tal-Mina ta' Hompesch)
C: Pjan ta riġenerazzjoni tal-Ġnien tal-Foss
D: Il-proġett imwiegħed mill-Gvern tal-Adventure Park ta' Triq AM Valperga u r-riġenerazzjoni tal-madwar. Il-Kunsill qabel li jitressqu dawn il-punti.

**29.17.14** A Tanti ressaq riżoluzzjoni ref: 5742/21/8 "Inressaq riżoluzzjoni b'referenza għal mozzjoni nru 5699/20/8 fejn kien hemm bidla fis-supplier tal-ikel li ħa jiġi provdut b'xejn lil cat feeders. Dan ħa jkun 'Central Veterinary Pharmacy'". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

### 29.18 MISTOQSIJIET

**29.18.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigard.

### 29.19 AĠĠORNAMENT

**29.19.1** Il-laqgħa ntemmet fit-20:20hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar, 2021 fis-18:00hrs.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Is-Sur Pierre Dalli<br>Sindku | Is-Sinjura Cynthia Plumpton<br>Segretarju Eżekuttiv |

Data: 20 ta' Jannar, 2021

DOK 'A'

| PRFPO for CM January 2021 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
| 8554 | 8769 | Vince Hardware Stores | telo capinetto, lana cardonato, piafone rolletto, cutter, socket, 1 berger red 10ltr | € 97.21 |
| 8555 | 8770 | Nab signs | Fixing of logo+lines of facade glass | € 82.60 |
| 8556 | 8771 | PC-Generations | 3 IT services agreement (Jan -Dec 2021) | € 3,894.00 |
| 8557 | 8772 | Eugenio Buhagiar | Hiring of 130, Banquet chairs | € 413.00 |
| 8558 | 8773 | CSD | A4 Copy sheet ,qty 50, AC copy sheet, qty 5, Boxes of 110x230 qty 2 Envelope 30x40 ,qty 250, Box files ,qty 10, Correcting roller qty 4x Pkt Batteries AA qty 2, Laser Labels ,qty 1, pen blue qty 20, Pen red qty 10, Tape (25x66) ,qty 6, tape (50x66) qty 6, punched pok qty 2, flat files qty 50, plastic rulers qty 5 | € 477.75 |
| 8559 | 8774 | Parocca Fgura | Logistika u Armar tal-knisja ghal-festa tal lsien Malti 2020 | € 500.00 |
| 8560 | 8775 | Christopher Debono | Live streaming +photographer on Wed 23/12/20 5pm-6pm | € 150.00 |
| 8561 | 8776 | Vanessa Vassallo | 10 DVDs to copy activity of 13/12/20 | € 25.00 |
| 8562 | 8777 | Copy Quick | Printing of 50 certificates Dekorazzjonijiet Riciklati | € 13.00 |
| 8563 | 8778 | Chris Reed ` | High up service for Xmas Decorations from 12/12/20 to 14/12/20 | € 70.00 |
| 8564 | 8779 | Eco Pure Ltd | Water bottles for dispenser ,qty 4 | € 17.18 |
| 8565 | 8780 | Scan centre- Pc options ltd | HP 216A BLK qty 3, HP eyan qty 1, HP yellow qty 1, HP magneta qty 1 | € 380.96 |
| 8566 | 8781 | Twighlight | Difference on quote re 13/12/20 cermony<br>Difference on quote in quote re 18/12/20 festa tal-ilsien Malti | € 194.10 |
| 8567 | 8782 | Rosabel Stationery | Books for children in recyling material for Xmas Décor , qty 25 | € 86.25 |
| 8568 | 8783 | Catherine Sammut | Maid services during Dec 2020 | € 377.40 |
| 8569 | 8784 | Adrian Mifsud | Procurement Consultancy Services | € 153.40 |
| 8570 | 8785 | Adrian Mifsud | DPO services Dec 20 | € 373.67 |
| 8571 | 8786 | Alberta | Fixing of garage door | € 53.10 |
| 8572 | 8787 | Cartridge World | 2 Toners-MLT-D205 | € 115.25 |
| 8573 | 8788 | Copy Quick | Printing documents + 2 copies | € 27.00 |
| 8574 | 8789 | KNS | Laptop coordinator during festa lsien Malti 2020 | € 50.00 |
| 8575 | 8790 | Ryan Bezzina | Design +printing of certificates , l-isbah faccata mzejna | € 55.00 |
| 8576 | 8791 | Scan centre- Pc options ltd | HP tones 205 A, 3 black, 3 cyan, 3 magneta, 3 yellow | € 775.61 |
| 8577 | 8792 | Catherine Sammut | Maid services during Jan 2020 | € 377.40 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 8578 | 8793 | Christopher Sheperd | Neutering of 4 cats on 18th dec and 28th dec , triq San t'Antnin u Triq Gharnuq | € | 60.00 |
| 8579 | 8794 | Bitmac | 25 Tarmakk | € | 141.50 |
| 8580 | 8795 | Frendo Enterprises co Ltd. | Cleaning trolley Procart 391 | € | 257.83 |
| 8581 | 8796 | Madpromotions | Printing of 12 CCTV signs on 10 mm PVC | € | 410.00 |
| 8582 | 8797 | Bristow Potteries Ltd | 1 street plaque | € | 64.90 |
| 8583 | 8798 | Vince Hardware Stores | 1 Vacuum cleaner | € | 96.00 |
| 8584 | 8799 | Vince Hardware Stores | Berger Ration Red ,qty 1, Pair of gloves ,qty 1 , Sigma Kwarts wild rose ,qty 2 , Sigma Kwarts Magnolia ,qty 2, Plafone Antigorcia ,qty 1 Pair of gloves, qty 1, dennemessa pratta ,qty 1, Hammerite Silver qty 1 Rollers qty 3 | € | 196.65 |
| 8585 | 8800 | Vince Hardware Stores | 13 A4 way ,qty 1, Toilet seat, Broom stick, Broom, Air freshner ,qty 4 Freshner dispenser , Dust pan | € | 67.93 |
| 8586 | 8801 | CSD office supplies | Arch files ,qty 40, 10 part PVC dividers ,qty 5, Fold back Clips 50 mm qty 12, Scissors medium qty 2, Desk organisers qty 2, stapler, stapler remover , qty 4 | € | 139.70 |
| 8587 | 8802 | Atelier del restaro Ltd | Restoration Works , our lady of mount Carmel as per quote 20040 dated 2/7/20 | € | 4,661.00 |
| 8588 | 8803 | Scaffoldings Solutions | Scafoldings for restoration works of our lady of Mount Carmel | € | 997.10 |
| 8589 | 8804 | Tom Van Malderen | Completion of a slow street concept proposal | € | 2,100.00 |
| 8590 | 8805 | Francis Service Station | Diesel IBL 985 | € | 40.00 |
| 8591 | 8806 | Vince Hardware Stores | Nitro examination gloves , 6 coloured keytags , Sigma Magniola Inronaco | € | 68.26 |
| 8592 | 8807 | Dr Jonathan Attard | Legal services + court fee RFP 29122020 | € | 819.99 |

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 13/01/2021** **sa 20/01/2021**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Pierre Dalli | € 327.00 | € 327.00 | D | PF | reimbursement flight ticket Malta-Poland-Malta | nil | nil | nil | nil | 2810 | 14094 |
| 2 | Charles Bonello | € 327.00 | € 327.00 | D | PF | reimbursement flight ticket Malta-Poland-Malta | nil | nil | nil | nil | 2810 | 14095 |
| 3 | Mario Fenech | € 1,185.90 | € 1,185.90 | D | PF | 4 Aluminium notice boards, extras for affixing of notce boards | 09/01/21 | 11105, 11106 | 8596, 8227 | 8441, 8811 | 7310 | 14096 |
| 4 | Daryl Borg | € 708.00 | € 708.00 | D | PF | Service of high up re assembling & dismantling of Xmas Tree | 09/01/21 | 2360 | 8476 | 8692 | 2720 | 14097 |
| 5 | Evan Plumpton | € 100.00 | € 100.00 | D | PF | servizz tal-Kor Flower of Carmel waqt il-Festa tal-Ilsien Malti | 18/12/20 | 107 | 8549 | 8764 | 3370 | 14098 |
| 6 | National Gypsum | € 505.48 | € 505.48 | D | PF | 2 zrar, 8 screws, 1 mixer & fittings, 1 polymax, 2 cement, 13Amp 4way t-shape x2, 1 screw driver set, 5 rollers, 2 duct tape, 2 cable ties, 3 LED Bulbs, 1 broom, 1 pala, 1 lasta, 2 | 06/11/20 | 9486, 9489 | 8400, 8437 | 8617, 8654 | 2370 | 14099 |
| 7 | CSD Office Supplies | € 139.62 | € 139.62 | D | PF | 40 Arch files, 5x 10 part pvc dividers, 12 fold back clips 50mm, 2 scissors, 2 deskorganisers, 1 stapler, 4 staple remover | 08/01/21 | 83 | 8586 | 8801 | 2620 | 14100 |
